**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 22 ta' Frar, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**-vs-**
**Sergio Borg detentur tal-karta tal-identità bin-numru 201980M**

*Kumpilazzjoni Nru. 715/2020*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Sergio Borg u ċioe` talli:

Fl-Imqabba u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar is-7 ta' Frar 2020 u fil-ġranet u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Ġiegħel kelb isofri uġigħ tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn billi ma ħax dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtieġijiet ta' annimali li kien responsabbli għalihom jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata l-benesseri tal-annimali;

2. Rabat, qafel, rabat b'katina jew stringa kelb jew ikkawża li kelb jintrabat, jinqafel jew jintrabat b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-kelb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-kelb;

3. Żamm kelb t'erba' xhur jew aktar mingħajr liċenzja;

4. Ma avżax lid-Direttur tas-Servizzi Veterinajri fi żmien sebat ijiem minn meta kelb li kellu liċenzja jiġi trasferit minn sidu jew mid-detentur tiegħu;

5. Kellu fil-pussess tiegħu kelb u li ma rreġistrahx fid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji skont ir-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb;

6. Żamm klieb ristretti ġo magħlaq iżgħar mill-minimu permess mil-liġi b'hekk li jiġu kkawżati tbatija jew ġrieħi;

7. Sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 24/02/2015 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

   Il-Qorti ġiet mitluba ai termini ta' Regolament 5(9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 f'sejbien ta' ħtija dwar moħqrija fuq annimali, il-ħati jkun projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb għal dak iż-żmien li din l-Onorabbli jidhrilha xieraq.

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2021, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab imputat bihom l-imputat, tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat mhux xi *first-time offender* anzi hu ricediv anke taht l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Minkejja l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, jibqa' l-fatt li l-ghemil tieghu hu wiehed xokkanti w deplorevoli, hekk kif hu cjar li l-imputat ma jiddejjaq xejn jisfrutta w jahqar annimali semplicement biex ikompli jhaxxen il-bwiet tieghu minn negozju li jghammar kemm klieb kif ukoll fniek. Annimali li sfortunatament inzammu f'kundizzjonijiet nieqsa minn kull igene, fi spazju ristrett, minghajr ventilazzjoni u mcahhda minn ikel u xorb.[1]

Gie kkunsidrat li jsib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, mhux biss ghaliex ir-reati addebitati lill-imputat twettqu fuq medda ta' zmien kif ravvizat b'dak l-artikolu izda, il-klieb mizmuma f'dawn il-kundizzjunijiet pjetuzi kienu xejn anqas minn disa (9) filwaqt li nstabu wkoll numru konsiderevoli ta' fniek li thallew f'gaggeg kollha hmieg.[2]

Il-Qorti hi fid-dmir taghti messagg cjar li tali agir, nieqes minn kull ombra ta' dicenza umana, fejn krejaturi bla vuci jisfaw vittmi ta' persuni bla skruplu w dan minhabba r-reghba w kilba ghall-flus taghhom, mhux ser jigi tollerat.

Gie kkunsidrat li fil-kaz tal-imputazzjonijiet numru wiehed, tnejn u sitta, japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena tkun l-istess wahda kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-Regolament 8 tar-***Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb***, (L.S. 439.21) jipprovdi –

> 8.Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta'dawn ir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat u suġġetta, meta tinsab ħatja, għall-pieni stabbiliti fl-Att.

Ittiehed kont ukoll tal-fatt li l-imputazzjoni numru hamsa (5) hi imputazzjoni alternattiva ghall-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u erba (4).

---

[1] Vide Animal Welfare Inspection Report, **Dok.MC3**

[2] Ibid.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 8(2), 8(3), 8(4) u 45(1)(a) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4, 8 u l-Skeda tar-***Regolamenti dwar iz-Zamma tal-Klieb*** (L.S.439.21), u r-regolamenti 5(2), 5(10) u 11 tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb*** (L.S. 437.101), issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah multa ta' **ghoxrin elf Ewro €20,000**.

Inoltre` ai termini tar-Regolament 5(9) tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb***, (L.S. 437.101), l-imputat qed jigi projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi licenza oħra ta' kelb għal ghomru.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna r-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt dan l-Att f'isem l-imputat.

Finalment wara li jinghata d-debiti ricevuti minghand id-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, l-imputat qed jigi ordnat ihallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali in kwistjoni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**